



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, il-15 ta' Frar 2023

L-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima tal-UE: il-kisbiet ma laħqux l-ambizzjonijiet

- L-UE pprovdiet finanzjament totali ta' EUR 729 miljun biex tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li ntlaqtu mit-tibdil fil-klima
- L-inizjattiva ma kinitx tiffoka suffiċjentement fuq il-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli

L-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima – li tnedet mill-UE fl-2007 biex tappoġġa lill-pajjiżi foqra li qed jiżviluppaw jirreaġixxu għat-tibdil fil-klima – ma wettqitx il-wegħdiet tagħha. Dan huwa l-messaġġ ta' rapport ġdid mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri li ħareġ illum. L-awdituri ftit li xejn sabu evidenza li tissuġġerixxi li l-inizjattiva kienet żiedet ir-reżiljenza tal-pajjiżi għat-tibdil fil-klima. F'termini ta' effiċjenza, b'mod ġenerali l-azzjonijiet ikkompletati kienu wasslu l-outputs tagħhom, iżda xi drabi b'kost għoli.

"Sibna li l-inizjattiva tal-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima kellha inqas impatt milli kien mixtieq, u li l-bidla mistennija mill-bini tal-kapaċitajiet lejn azzjonijiet aktar konkreti li jappoġġaw direttament lill-popolazzjoni ma kinitx sistematika," qal Hannu Takkula, il-Membbru tal-QEA li mexxa l-awditu. *"Naħsbu li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiffoka fuq dawk l-aktar milquta mit-tibdil fil-klima u tinkorpora t-tagħlimiet meħuda kemm fl-azzjonijiet futuri dwar it-tibdil fil-klima kif ukoll fl-inizjattivi futuri ta' għajjnuna."*

L-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima bbażat l-approċċ tagħha fuq żewġ pilastri: it-trawwim ta' djalogu u l-kondiviżjoni tal-għarfien, u l-għoti ta' appoġġ tekniku u finanzjarju għall-miżuri ta' adattament, mitigazzjoni u tnaqqis tar-riskju ta' diżastri.

L-awdituri sabu li l-inizjattiva ma kejlitx it-titjib fis-sitwazzjonijiet tal-benefiċjarji, u lanqas ma ffukat suffiċjentement fuq il-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar milquta. L-għajjnuna mhux dejjem waslet għand ir-riċevituri vulnerabbli intenzjonati: pereżempju, ftit kienu l-azzjonijiet li inkludew attivitajiet li jindirizzaw speċifikament il-ħtiġijiet tan-nisa, u xi attivitajiet oħra ma kinux affordabbli għall-ifqar unitajiet domestiċi. Azzjonijiet pilota li rnexxew setgħu wkoll ġew espanduti biex aktar persuni jkunu jistgħu jibbenefikaw.

Matul il-ħajja kollha kemm hi tagħha, l-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima ma attiratx il-finanzjament addizzjonali mistenni mingħand il-pajjiżi tal-UE u mingħand is-settur privat. Minkejja dan in-nuqqas sinifikanti fil-finanzjament, il-Kummissjoni qatt ma rriediet l-oġġettivi ambizzjużi inizjali tagħha. Barra minn hekk, fit-tieni fażi (Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima+, tal-

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

perjodu 2014-2020), il-kriterji li ntużaw mill-Kummissjoni għall-allokazzjoni tal-flus wasslu biex proporzjonalment jiġi allokati inqas appoġġ lill-pajjiżi l-aktar vulnerabbli.

Il-Kummissjoni ma analizzatx suffiċjentement ir-raġonevolezza tal-kostijiet ibbaġitjati tal-biċċa l-kbira mill-azzjonijiet li ġew eżaminati mill-awdituri. Pereżempju, il-kostijiet ta' ġestjoni tal-azzjonijiet kienu jvarjaw ħafna, u kienu partikolarment għoljin fir-reġjun tal-Paċifiku. L-awdituri jikkonkludu li setgħu ġew iffrankati l-flus li kieku twettqet analiżi aktar dettaljata tal-kostijiet.

Is-sensibilizzazzjoni u l-viżibbiltà kienu wkoll problema. Għalkemm l-inizjattiva appoġġat aktar minn 80 pajjiż, ma kinitx magħrufa sew fost il-pajjiżi li qed jiżviluppaw daqs kemm kienet magħrufa fl-UE. Dan kien parzjalment minħabba li l-azzjonijiet iffinanzjati ma kinux distingwibbli minn azzjonijiet oħra tal-UE li jindirizzaw it-tibdil fil-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-effiċjenza tal-inizjattiva kienet milquta wkoll mill-kumplessità tal-organizzazzjoni tagħha, b'mod partikolari d-duplikazzjoni tal-faċilitajiet ta' appoġġ u tal-flussi ta' finanzjament.

Informazzjoni ġenerali

L-inizjattiva tal-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima ma kellhiex il-linja baġitarja tagħha stess fis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni Ewropea, iżda ġiet iffinanzjata permezz tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp. Il-finanzjament totali allokati għall-inizjattiva kien ta' EUR 728.8 miljun, inklużi kontribuzzjonijiet minn pajjiżi tal-UE: EUR 308.8 miljun għall-ewwel fażi (2007-2013) u EUR 420 miljun għat-tieni fażi, l-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima+ (2014-2020).

Fl-2020, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tkomplix l-inizjattiva għal fażi ulterjuri. Matul il-perjodu 2021-2027, il-Kummissjoni se tiffinanzja azzjonijiet li jindirizzaw it-tibdil fil-klima f'pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta' appoġġ tematiku u ġeografiku taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali.

Ir-Rapport Speċjali 04/2023, "*L-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima(+)* – *Il-kisbiet ma laħqux l-ambizzjonijiet*", huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547
- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu - M: (+352) 621 552 224
- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502